Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 08/17

**AVVIŻI**

**19 ta' Frar 2017**

Nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar il-membri tal-Kumitat tal-Festa sa jkunu qegħdin jagħmlu l-ġabra bieb bieb b'riżq il-Festa.

Nhar ta' Ħamis wara l-quddiesa ta' filgħaxija jkollna ħin ta' Adorazzjoni Ewkaristika. Inkomplu nimmeditaw l-imħabba ta' Alla li tidher quddiemna permezz tal-Liżar ta' Kristu.

Nhar ta' Sibt ikollna l-Oratorju għat-tfal u adolexxenti. Niltaqgħu fit-3.30pm ħdejn il-Knisja. Ikun hemm laqgħat ta' formazzjoni, talb, logħob u ikel.
Fis-6.15pm issir quddiesa għall-familji bis-sehem tat-tfal.

Nhar il-Ħadd 26 ta' Frar nagħlqu x-xahar ta' missjoni fil-parroċċa tagħna bil-quddiesa tas-6.15pm.

Nhar it-Tnejn 27 ta' Frar isir il-festin tal-Karnival għat-tfal tal-parroċċa fit-3pm fiċ-Ċentru Parrokkjali. Huwa importanti li min ikun ġej jinkiteb sa nhar is-Sibt 25 ta' Frar.